# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 116/2016MH**

**Illum 18 ta' Mejju, 2016**

**Joseph Bezzina & Co. Limited**

**vs**

**FDS s.r.l (o.c. 574) – Filiberti Design Store**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent fejn gie premess illi:

**"A** ***Dikjarazzjoni tal-Fatti***

*1. Illi s-socjeta kummercjali FDS s.r.l – Filiberti Design Stone kienet involuta fil-bini tal-parlament il-gdid ta' Malta, flimkien mas-socjeta` kummercjali CFF Filiberti s.r.l. li rebhet it-tender ghal dan il-progett.*

*2. Illi matul is-sena 2014, is-socjeta` kummercjali FDS s.r.l kienet tixtri on credit minghand il-Kumpanija Attrici, skont kif jirrizulta mill-invoices u statements annessi u mmarkati 'Dok B';*

*3. Illi s-socjeta` kummercjali FDS s.r.l tellghet kont ta' hamsa u tletin elf Euro, sebgha mija u wiehed u ghoxrin Euro, u hmistax il-centezmu (€35,721.15);*

*4. Illi s-socjeta` kummercjali in kwistjoni baqghet ma hallsitx il-kontijiet taghha u dan minkejja diversi wieghdiet u assigurazzjonijiet (Dok 'C');*

*5. Illi attentati minn-naha tal-Kumpanija Attrici, biex jintlahaqx ftehim dwar il-hlasijiet dovuti lilha, liema attentati nkludew ittri bonarji, ittra ufficjali u proceduri ta' negoziazione assistita gewwa l-Italja stess, ma wasslux ghar-rizultat mixtieq (Dok 'D');*

*6. Illi l-fatti fuq esposti huma maghrufa mis-socjeta' kummercjali intimata;*

*7. Illi l-hlas huwa cert, likwidu u li ghalaq;*

*8. Illi safejn taf hi, s-socjeta` kummercjali intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba f'dan il-kaz.*

***A. Raguni ghat-Talbiet f'din il-kawza***

*Illi s-socjeta` kummercjali intimata giet diversi drabi interpellata kemm informalment kif ukoll b'mod aktar formali, kemm hawn Malta kif ukoll gewwa l-Italja, sabiex thallas il-flus dovut minnha jew almenu tidhol fi skeda ta' pagamenti, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk konsegwentement kellha ssir din il-kawza.*

***B. Talbiet Attrici***

*Ghaldaqstant, il-Kumpanija Attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi u ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*1. Tilqa' dan ir-rikors u, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, tordna lis-socjeta` kummercjali FDS s.r.l thallas is-somma ta' hamsa u tletin elf Euro, sebgha mija u wiehed u ghoxrin Euro, u hmistax il-centezmu (€35,721.15);*

*B-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 422615, dawk relatati ma' proceduri bonarji gewwa l-Italja, u interessi kontra s-socjeta` kummercjali initmata minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2016 fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-11 ta' Marzu, 2016[1];

Rat id-dokumenti kollha mieghu annessi;

---

[1] Folio 186

Rat illi r-riferta tal-istess atti kienet taqra illi l-Marixxal Stephen Agius gie nfurmat minn certu Matthew Zampa Accountant fejn informa lill-istess li l-kumpanija ntimata ma kienitx ghadha klijenta taghhom. Din ir-riferta kienet datata 24 ta' Frar, 2016;

Rat ukoll ir-riferta datata 3 ta' Marzu, 2016 fejn din id-darba l-Marixxall Charles Buttigieg irraporta li n-notifika bil-purtier tal-att promotur giet refused. Din ir-riferta kienet datata 24 ta' Frar, 2016;

Rat minhabba f'dan ir-rikors tas-socjeta attrici datat 7 ta' Marzu, 2016 [2] fejn gie mitlub illi din il-Qorti joghgobha tibdel tali riferta ta' *refused* f'wahda pozittiva stante li gie verifikat li l-indirizz registrat tas-socjeta konvenuta kien dak li gie ndikat fir-rikors promotur u dan minn verifiki li saru mal-*Malta Financial Services;*

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Marzu, 2016[3] fejn ordnat li jidhru ghas-seduta tal-11 ta' Marzu, 2016 il-Marixxalli Stephen Agius u Charles Buttigieg biex jixhdu dwar ir-riferti suriferiti;

Semghet li fis-seduta msemmija xehed Charles Buttigieg li kkonferma r-riferta negattiva kif suriferita u r-rifjut kif hemm imnizzel tan-notifika;

Rat li fl-istess seduta ai terminu tal-artikolu 187 Kap 12 laqghat it-talba u ddikjarat ir-riferta tat-3 ta' Marzu 2016 bhala wahda valida;

Rat ukoll f'dan ir-rigward l-estratt mir-Registru tal-Kumpaniji esebit mir-rikorrenti attur, tad-dettalji tar-registered address tal-kumpanija konvenuta;

Rat ukoll il-verbal ta' Dr. Ivan Mifsud fis-seduta tal-15 ta' April, 2016[4] fejn iddikjara illi fil-kapacita professjonali tieghu ta' Avukat informa lill-konvenuti u lid-difensuri taghhom barra minn Malta bil-proceduri odjerni, permezz ta' e mail li qed tigi prezentata bhala Dok JM[5];

Il-konvenuti nonostante baqghu passivi ghal dan u ma ntavolaw ebda risposta jew att f'dawn il-proceduri fir-rigward tal-kontumacja taghhom jew mod iehor.

Illi rat ghalhekk l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

[2] Folio 180
[3] Folio 194
[4] Folio 195
[5] Folio 202 et seq

Rat ukoll l-affidvit u d-dokumenti esebiti mal-istess rikors;

Qieset li l-konvenuta socjeta ma ressqet qatt tramite rapprezentanti legali taghha biex tikkontesta t-talba jew tressaq xi eccezzjonijiet jew forma ta' difiza fir-rigward;

Tqis ghalhekk li t-talbiet ghandhom jintlaqghu u konsegwentament tordna lis-socjeta FDS s.r.l thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf Euro, sebgha mija , wiehed u ghoxrin Euro, u hmistax il-centezmu (€35,721.15).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 4226/15 tal-15 ta' Frar, 2016 u bl-interessi kontra s-socjeta intimata sad-data tal-hlas effettiv.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**